

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1799**tas-7 ta' Ottubru 2016**

li jstabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu għar-riskju tal-kreditu b'konformità mal-Artikoli 136(1) u 136(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 136(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 136(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, billi jittrattaw l-immappjar ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-kreditu, bl-eċċezzjoni ta' dawk assenjati għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Biex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn dawk suġġetti għal dawk l-obbligi, ikun tajjeb li jiġu inklużi l-istandards tekniċi implementattivi kollha meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'dak li jirrigwarda l-immappjar tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-kreditu, bl-eċċezzjoni ta' dawk assenjati għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni f'Regolament wieħed.
- (2) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jesiġi l-ispeċifikazzjoni, għall- Istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ("ECAIs") kollha, tal-korrispondenza tal-valutazzjonijiet tal-kreditu rilevanti maħruġa minn ECAI għall-iskaluni tal-kwalità kreditizja stabbiliti fit-Taqsima 2 ta' dak ir-Regolament ("immappjar"). ECAIs huma aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li jkunu ġew irreġistrati jew iċċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ jew bank ċentrali li joħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu li huma eżentati mill-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (3) Ċerti termini u kunċetti simili użati fir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jistgħu jkunu s-suġġett ta' konfużjoni. "Valutazzjoni tal-kreditu" huwa t-terminu użat fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 sabiex jirreferi kemm għat-"tikketi" tal-kategoriji differenti ta' klassifikazzjonijiet minn ECAIs, kif ukoll għall-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni waħda minn dawn għal element partikolari. Madankollu, il-punti (h) u (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jagħmlu distinzjoni ċara bejn dawn iż-żewġ kunċetti bl-użu tat-termini "kategorija tal-klassifikazzjoni" u "klassifikazzjoni tal-kreditu", rispettivament. Biex tiġi evitata l-konfużjoni, minħabba l-ħtieġa li ssir referenza għal dawn iż-żewġ kunċetti partikolari separatament, u minħabba l-kumplimentarjetà taż-żewġ Regolamenti, għandha tkun użata t-terminoloġija tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 billi din hija aktar speċifika.
- (4) Minħabba li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jippermetti l-użu ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu għal skopijiet regolatorji minn istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investment biss jekk jinħarġu minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Unjoni u rreġistrati f'konformità ma' dak ir-Regolament, l-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAIs għandu jkopri valutazzjonijiet tal-kreditu li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' "klassifikazzjoni tal-kreditu" skont il-punt (a) tal-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, peress li, skont l-Artikolu 136 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, immappjar huwa meħtieġ għall-ECAIs kollha, li d-definizzjoni tagħhom tinkludi, skont l-Artikolu 4(1)(98) ta' dak ir-Regolament, ukoll klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minn banek ċentrali eżentati mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-immappjar tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni tal-ECAIs għandu jkopri wkoll dawn il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jimpedixxi l-użu ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu għal ċerti klassijiet ta' assi (bħall-ekwità) skont l-Approċċ Standardizzat. Għalhekk, fir-rigward ta' valutazzjonijiet għal impriżi ta' investment kollettiv ta' introjtu fiss (CIUs), huma biss dawk li jiddependu unikament fuq il-kwalità kreditizja tal-assi sottostanti li għandhom ikunu koperti mill-immappjar tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAIs.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠUL 302, 17.11.2009, p. 1).

- (5) L-immappjar għandu l-oġġettiv li jassenja l-piżijiet tar-riskju xierqa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-klassifikazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAIs. Għalhekk, għandu jkun kapaċi jidentifika mhux biss differenzi relattivi tar-riskju iżda wkoll il-livelli assoluti tar-riskju ta' kull kategorija tal-klassifikazzjoni, u jiżgura livelli xierqa ta' kapital skont l-Approċċ Standardizzat.
- (6) Minħabba l-firxa wiesgħa ta' metodoloġiji fost l-ECAIs, l-oġġettività u l-konsistenza tal-metodoloġija tal-immappjar huma aspetti ewlenin biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-istituzzjonijiet kif ukoll l-ekwità fit-trattament għall-ECAIs. Għal din ir-raġuni, meta wieħed ikun qed ifassal regoli dwar l-użu ta' fatturi kwantitattivi u kwalitattivi u l-paragun tagħhom mal-punt ta' riferiment, huwa meħtieġ li jibni fuq il-qafas regolatorju preċedenti, jiġifieri l-Parti 3 tal-"Linji Gwida riveduti dwar l-għarfien tal-Istituzzjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Kreditu Esterni", bid-data tat-30 ta' Novembru 2010, bil-ħsieb li tiġi żgurata tranżizzjoni bla intoppi lejn l-immappjar stabbilit f'dan ir-Regolament. Dan għandu jiżgura wkoll konsistenza mal-istandards internazzjonali f'dan il-qasam, riflessi, min-naħa tagħhom, fl-Anness 2 ta' "Basel II: Konverġenza Internazzjonali ta' Standards tal-Kejl tal-Kapital u Standards tal-Kapital: Qafas Rivedut — Verżjoni Komprensiva" datat Ġunju 2006.
- (7) Id-definizzjonijiet ta' inadempjenza użati mill-ECAIs jistgħu jvarjaw minn dik ippreżentata fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif riflessa fir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 kif ukoll fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2⁽¹⁾. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-livell kumplessiv ta' kapital meħtieġ biex l-iskoperturi jiġu kklassifikati esternament ma jimbidilx, it-tipi ta' avvenimenti ta' inadempjenza użati għall-kalibrazzjoni tal-punt ta' riferiment imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jintużaw bħala d-definizzjoni ta' inadempjenza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
- (8) L-immappjar għandu jinftehem bħala l-korrispondenza tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni ta' ECAI ma' skala regolatorja li għet iddefinita għal skopijiet prudenzjali. Għalhekk għandu jitqies bħala kunċett distint minn dak li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) hija meħtieġa li ttipprovi fil-forma ta' rapport, abbażi tal-Artikolu 21(4b) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 bil-għan li l-investituri jkunu jistgħu faċilment iqabblu l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu kollha li jeżistu fir-rigward ta' entità klassifikata speċifika. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-"immappjar" ma jirreferix għal immappjar żviluppat f'oqfsa oħra, bħalma huwa l-Qafas tal-Valutazzjoni tal-Kreditu tal-Ewrosistema, peress li dawn jistgħu joperaw fuq metodoloġiji u definizzjonijiet differenti.
- (9) Immappjar differenti għandu jsir għal kull sett rilevanti ta' kategoriji ta' klassifikazzjoni ("skala ta' klassifikazzjoni"). Meta l-iskala tal-klassifikazzjoni ta' ECAI tkun l-istess fost il-klassijiet ta' skopertura, l-immappjar ma għandux ikun differenti sabiex tiġi garantita d-differenzjazzjoni tal-piżijiet tar-riskju fost il-klassijiet ta' skopertura stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Meta ECAI ikollha diversi skali tal-klassifikazzjoni, ir-relazzjoni stabbilita mill-ECAI fosthom għandha titqies għall-immappjar.
- (10) Klassifikazzjonijiet mhux mitluba, kif imsemmija fil-punt (x) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, jenħtieġ li jiġu inklużi fl-immappjar ta' ECAI sakemm dawn il-klassifikazzjonijiet jistgħu jintużaw għal skopijiet regolatorji f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) tkun ikkonfermat li ma jkunux differenti fil-kwalità minn klassifikazzjonijiet ta' kreditu mitluba ta' din l-ECAI skont l-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (11) Għandhom jintużaw fatturi kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi biex jiġi prodott immappjar, fejn il-fatturi kwalitattivi jitqiesu fi stadju ulterjuri, kif u meta jkun meħtieġ u b'mod speċjali fejn fatturi kwantitattivi ma jkunux adegwati. Bħala riżultat ta' dan, fatturi kwalitattivi għandhom jgħinu fir-rieżami, fil-korrezzjoni u fit-titjib tal-immappjar inizjali magħmul abbażi ta' fatturi kwantitattivi, fejn tali rieżami jkun ġustifikat u meħtieġ. Dan l-approċċ f'żewġ stadji huwa meħtieġ sabiex jikkontribwixxi għall-oġġettività tal-immappjar u sabiex jiżgura li l-immappjar effettivament jirrappreżenta l-korrispondenza tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni ta' ECAI ma' skala regolatorja li għet definita għal skopijiet prudenzjali.
- (12) Jeħtieġ li jiġi evitat li jiġi kkawżat żvantaġġ materjali mhux dovut għal dawk l-ECAIs li, minħabba d-dħul aktar riċenti tagħhom fis-suq, jippreżentaw informazzjoni kwantitattiva limitata, bil-għan li jiġu bbilanċjati kunsiderazzjonijiet prudenzjali ma' dawk tas-suq. Għalhekk, ir-rilevanza tal-fatturi kwantitattivi għad-derivazzjoni tal-immappjar għandha tkun imħaffa. Aġġornamenti għall-immappjar għandhom isiru kull meta dan ikun meħtieġ biex jirrifletti informazzjoni kwantitattiva miġbura wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ĠU L 2, 6.1.2015, p. 24).

- (13) Ir-rata ta' inadempjenza assoċjata ma' oġġetti assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni għandha titqies bħala l-aktar fattur kwantitattiv rappreżentattiv, u għandha tiġi kkalkulata minn dejta tal-inadempjenza li tikkorrispondi ma' dawn l-elementi. Fejn ma tkunx disponibbli dejta suffiċjenti tal-inadempjenza li tikkorrispondi ma' dawn l-elementi, stima tar-rata tal-inadempjenza xorta waħda għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-opinjoni tal-ECAI rilevanti u ta' kull evidenza ta' inadempjenza assoċjata mal-elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni li għaliha jkun qed isir l-immappjar.
- (14) L-ikkalkular tar-rata tal-inadempjenza għandu jissodisfa ċerti rekwiżiti sabiex jiġi żgurat li jkun paragonabbli fost l-ECAIs. Pereżempju, għandu jitkejjel fuq orizzont ta' żmien ta' tliet snin sabiex tkun possibbli l-osservazzjoni ta' għadd sinifikanti ta' inadempjenzi meta r-riskju jkun baxx ħafna u għandu jqis l-irtirar sabiex tiġi evitata sottovalutazzjoni tar-riskju. Barra minn hekk, la għandu jinkludi klassifikazzjonijiet tas-settur pubbliku u lanqas klassifikazzjonijiet tal-ħarġiet, minħabba l-iskarsezza ta' inadempjenzi għall-ewwel tip ta' klassifikazzjonijiet, u sabiex jiġi evitat li r-rati ta' inadempjenza jiġu ppreġudikati favur emittenti b'numru akbar ta' ħarġiet bl-użu tal-klassifikazzjonijiet imsemmija l-aħħar.
- (15) Ir-rati ta' inadempjenza għandhom jiġu kkalkulati għal kull kategorija tal-klassifikazzjoni sa fejn hu possibbli fuq perjodu ta' osservazzjoni twil u qasir. Tal-ewwel għandu jipprovi l-bażi għall-immappjar, filwaqt li tal-aħħar għandu jipprovi twissija bikrija dwar żieda, jew tnaqqis potenzjali fil-livell ta' riskju tal-kategorija tal-klassifikazzjoni. Fejn ma jkunx disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu, għandha titqies biss ir-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien minħabba l-livell għoli ta' inċertezza rigward l-ikkalkular ta' rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien. F'dan il-każ, twissija dwar żieda potenzjali fil-livell ta' riskju tal-kategorija tal-klassifikazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-fatturi kwalitattivi.
- (16) Id-definizzjoni ta' inadempjenza stabbilita mill-ECAI biex tiġi kkalkulata r-rata ta' inadempjenza assoċjata mal-elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni hija element ewlieni tal-immappjar. Definizzjoni aktar stretta ta' inadempjenza tista' twassal għal rati ta' inadempjenza ogħla meta mqabbla ma' definizzjonijiet oħra ta' inadempjenza anqas stretti. Għalhekk għandu jiġi kkalkulat l-impatt tad-definizzjoni ta' inadempjenza fuq l-ikkalkular tar-rata ta' inadempjenza sabiex ikun żgurat immappjar preċiż.
- (17) Meta tkun disponibbli biss informazzjoni skarsa dwar l-inadempjenzi, l-orizzont ta' żmien ikkunsidrat f'kategorija tal-klassifikazzjoni għandu jitqies għall-finijiet tal-immappjar sabiex tiġi żgurata konsistenza fost l-ECAIs. B'hekk, meta jkun intgħażel orizzont b'terminu qasir, xi elementi jistgħu jikkwalifikaw għal livell partikolari ta' riskju. Madankollu, dawn l-istess elementi jistgħu jirrapreżentaw livell ta' riskju konsiderevolment differenti jekk jiġu evalwati fuq l-orizzont ta' żmien ta' tliet snin użat għall-ikkalkular tar-rata ta' inadempjenza. Dan il-fattur għandu jiġi rikonossut u rifless adegwament fl-immappjar.
- (18) It-tifsira tal-kategorija tal-klassifikazzjoni u l-pożizzjoni relattiva tagħha fl-iskala ta' klassifikazzjoni għandha tkun partikolarment utli meta ma jkunx hemm fattur kwantitattiv disponibbli u l-immappjar tal-kategorija tal-klassifikazzjoni ta' biswit tkun magħrufa. Għal dan l-għan, l-iskaluni tal-kwalità kreditizja għandhom ikunu kklassifikati f'termini ta' aspetti bħall-kapaċità tal-emittent li jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu, is-sensittività tiegħu għas-sitwazzjoni ekonomika jew il-prossimità għall-istatus ta' inadempjenza.
- (19) Għandhom jitqiesu wkoll fatturi ġenerali li jiddeterminaw ir-riskju tal-elementi assenjati għal kategorija tal-klassifikazzjoni. Id-daqs u l-livell ta' diversifikazzjoni tal-attività tal-elementi assenjati għal kategorija tal-klassifikazzjoni għandhom jitqiesu bħala indikaturi rilevanti tal-profil ta' riskju sottostanti tagħhom. Għandu jkun ukoll possibbli li jiġu kkunsidrati bħala fatturi kwalitattivi miżuri oħrajn tal-affidabbiltà kreditizja assenjati għal elementi tal-istess kategorija tal-klassifikazzjoni, sabiex tingħata informazzjoni addizzjonali rigward l-imġiba tal-inadempjenza tal-kategorija rilevanti ta' klassifikazzjoni. Ir-rilevanza, l-oġġettività u l-affidabbiltà tal-kejl differenti tal-affidabbiltà kreditizja għandhom jiġu analizzati bir-reqqa qabel l-applikazzjoni tagħhom għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' mmappjar.
- (20) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza mal-istandards internazzjonali, il-punti ta' riferiment tar-rati ta' inadempjenza fuq medda ta' żmien twila u qasira pprovduti fid-dokument "Basel II: Konverġenza Internazzjonali ta' Standards tal-Kejl tal-Kapital u Standards tal-Kapital: Qafas Rivedut — Verżjoni Komprensiva" datat Ġunju 2006, għandhom jintużaw għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' mmappjar. Madankollu, għandhom jiġu pprovduti regoli aktar dettaljati sabiex jitqiesu l-varjetà ta' ECAIs li bħalissa joperaw fis-suq tal-UE u li r-rati ta' inadempjenza tagħhom jistgħu jiddejjaw b'mod sinifikanti mix-xejriet tal-ECAIs internazzjonali li fuqhom huwa bbażat il-punt ta' riferiment kurrenti. B'mod aktar konkret, il-punt ta' riferiment fuq medda twila ta' żmien għandu jkun definit f'termini ta' intervalli sabiex ikun rikonossut li firxa ta' valuri tista' tkun kompatibbli ma' kull skaluna tal-kwalità kreditizja.
- (21) Il-kategoriji tal-klassifikazzjoni inizjalment għandhom ikunu mmappjati ma' skaluna tal-kwalità kreditizja abbażi tal-paragun tar-rata tal-inadempjenza fit-tul tagħhom mal-punt ta' riferiment fit-tul u l-informazzjoni pprovduta mill-fatturi kwalitattivi.

- (22) Skont l-Artikolu 136(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 l-adeqwatezza tal-immappjar għandha tiġi rieżaminata ta' spiss minħabba li r-rata tal-inadempjenza fuq perjodu twil tista' tinbidel u ssir rappreżentattiva ta' skaluna differenti tal-kwalità kreditizja. Għal dak l-għan, rati ta' inadempjenza riċenti fuq medda qasira ta' żmien esperjenzati f'kategorija tal-klassifikazzjoni għandhom jiġu regolament ikkonfrontati mal-punti ta' riferiment rilevanti tagħhom fuq medda qasira ta' żmien (il-livelli ta' "monitoraġġ" u ta' "attivazzjoni"). Ksur tal-punti ta' riferiment fuq medda qasira ta' żmien għal perjodu konsekuttiv ta' sentejn jista' jindika li l-istandards ta' valutazzjoni ddgħajfu, li jista' jimplika li r-rata ta' inadempjenza sottostanti l-għdida fuq medda twila ta' żmien tkun rappreżentattiva ta' skaluna anqas favorevoli tal-kwalità kreditizja. Dan is-sinjali ikun aktar rilevanti fejn jinkiser il-livell ta' attivazzjoni minflok il-livell ta' monitoraġġ. B'mod partikolari, element uniku inadempjenti assoċjat mal-ogħla kategoriji ta' klassifikazzjoni jista' jiskatta kunsiderazzjoni tar-rieżami tal-immappjar assenjat għall-ECAI unika li tkun ikklassifikat dak l-element.
- (23) Abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi riveduti għandhom jiġu ppreżentati meta meħtieġ biex ECAIs stabbiliti reċentement jiġu inklużi fl-immappjar.
- (24) Billi hija meħtieġa f'kull waqt il-konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa neċessarju li l-prestazzjoni tal-immappjar tiġi mmonitorjata fuq bażi kontinwa.
- (25) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi implimentattivi ppreżentat mill-EBA, l-ESMA u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) flimkien (l-"Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs)") lill-Kummissjoni.
- (26) Fid-29 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Kumitat Konġunt tal-ESAs bl-intenzjoni tagħha li tapprova l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi bl-emendi sabiex tiżgura bilanċ bejn approċċ prudenzjali solidu u l-ħtieġa li tiġi evitata konċentrazzjoni ulterjuri f'suq tal-klassifikazzjoni tal-kreditu diġà kkonċentrat ħafna li hu ddominat mit-tliet ECAIs il-kbar li bejniethom għandhom sehem mis-suq ta' madwar 90 %. Fin-notifika tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat b'mod partikolari l-ħtieġa li tiġi evitata l-applikazzjoni awtomatika wara tliet snin ta' mmappjar aktar konservattiv tal-ECAIs kollha li ma jkunux ipprođuċew biżżejjed klassifikazzjonijiet u irrispettivament mill-kwalità tal-klassifikazzjonijiet tagħhom, billi dan l-approċċ jirriskja li joħloq ostaklu regolatorju għad-dħul fis-suq u jdgħajef il-pożizzjoni kompetittiva ta' ECAIs iżgħar/aktar ġodda sempliċiment minħabba li jipprođuċu anqas klassifikazzjonijiet mill-kumpaniji kbar stabbiliti. Fl-opinjoni formali tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016, il-Kumitat Konġunt tal-ESAs ikkonferma l-pożizzjoni inizjali tiegħu u ma reġax ippreżenta mill-għdid standards tekniċi implimentattivi emendati b'mod konsistenti mal-emendi proposti tal-Kummissjoni.
- (27) Sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn approċċ prudenzjali solidu u l-kompetizzjoni fis-suq tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-abbozz tal-istandards tekniċi implimentattivi għandu jiġi emendat fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jistgħu jikkawżaw żvantaġġ materjali mhux dovut għall-ECAIs iżgħar/ġodda minħabba d-dħul aktar riċenti tagħhom fis-suq, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' trattament aktar konservattiv f'każ ta' dejta limitata, id-dħul fis-seħħ ta' mmappjar għdid awtomatikament mill-2019, id-dispożizzjoni li tikkonċerna r-rieżami tal-immappjar kif ukoll it-tabelli tal-immappjar applikabbli mill-2019.
- (28) L-EBA, l-ESMA u l-EIOPA wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi implimentattivi li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾; l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾; u l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

FATTURI KWANTITATTIVI, FATTURI KWALITATTIVI U PUNT TA' RIFERIMENT

KAPITOLU 1

Fatturi kwantitattivi

Artikolu 1

Fatturi kwantitattivi tal-immappjar ta' kategorija tal-klassifikazzjoni

Il-fatturi kwantitattivi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu r-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira u twila ta' żmien assoċjati mal-elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni, kif stipulat fl-Artikoli 2 sa 6.

Artikolu 2

Elementi użati għall-ikkalkular tal-fatturi kwantitattivi

L-ikkalkular tar-rati ta' inadempjenza msemmija fl-Artikolu 1 għal kull kategorija tal-klassifikazzjoni għandu jsir biss abbażi ta' elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni mill-istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) li għaliha jkun qed isir l-immappjar, fejn dawn l-elementi jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (a) ikunu jappartjenu għall-"klassifikazzjonijiet korporattivi" msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2 u jkunu assenjati fuq il-bażi tal-emittent;
- (b) ikunu assenjati xi waħda minn dawn li ġejjin:
 - (i) klassifikazzjoni tal-kreditu mitluba;
 - (ii) klassifikazzjoni tal-kreditu mhux mitluba li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Taqsim 1

Ikkalkular tal-fatturi kwantitattivi ta' kategorija tal-klassifikazzjoni fejn ikun disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Artikolu 3

Determinazzjoni ta' jekk ikunx hemm numru kbir biżżejjed ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu

1. Għall-finijiet tal-ikkalkular tar-rata ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien, in-numru ta' elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni mill-ECAI li għaliha jkun qed isir l-immappjar għandu jitqies kbir biżżejjed, fejn dawn l-elementi jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (a) ikunu suffiċjenti fir-rigward tal-profil tar-riskju pperċepit tal-kategorija tal-klassifikazzjoni, meta jitqies bħala indikatur in-numru ta' elementi li jirrappreżentaw l-invers tal-punt ta' riferiment tar-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien tal-kategorija tal-klassifikazzjoni, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 14;
- (b) ikunu rappreżentattivi tal-aktar ġabra riċenti ta' elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-ikkalkular tar-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien, in-numru ta' elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni mill-ECAI li għaliha jkun qed isir l-immappjar għandu jitqies kbir biżżejjed fejn bħala minimu jkunu disponibbli l-aktar 10 rati ta' inadempjenza riċenti fuq medda qasira ta' żmien kif imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

Ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien ta' kategorija tal-klassifikazzjoni fejn ikun disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu

1. Fejn ikun disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu skont l-Artikolu 3(1), ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu kkalkulati bil-mod deskritt fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien ta' kategorija tal-klassifikazzjoni għandhom jiġu kkalkulati fuq orizzont ta' żmien ta' tliet snin bħala proporzjon fejn:
 - (a) id-denominatur jirrappreżenta n-numru ta' elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni preżenti fil-bidu tal-orizzont ta' żmien;
 - (b) in-numeratur jirrappreżenta l-għadd ta' elementi msemmija fil-punt (a) li jkunu saru inadempjenti qabel tmiem l-orizzont ta' żmien.
3. Elementi rtirati qabel tmiem l-orizzont ta' żmien u mhux inadempjenti għandhom jikkontribwixxu biss għad-denominatur tar-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 b'piż ta' 50 %. Kull element li għalih ikun hemm evidenza li jkun ġie rtirat qabel ma tkun seħħet inadempjenza għandu jitqies bħala element inadempjenti.
4. L-elementi għandhom jitqiesu li jkunu elementi inadempjenti li għandhom ikunu inklużi fin-numeratur speċifikat fil-punt (b) tal-paragrafu 2 fejn ikun seħħ xi wieħed minn dawn it-tipi ta' avveniment:
 - (a) dikjarazzjoni ta' falliment jew likwidazzjoni legali li x'aktarx ikunu se jikkawżaw nuqqas ta' ħlas jew dewmien ta' ħlas fir-rigward ta' pagamenti futuri kuntrattwalment vinkolanti ta' servizz tad-dejn;
 - (b) żborż maqbuż jew li jsir tard ta' pagament kuntrattwalment vinkolanti ta' imgħax jew kapital, sakemm il-ħlasijiet ma jsirux fi żmien perjodu ta' grazzja permess mill-kuntratt;
 - (c) skambju f'diffikultà jekk l-offerta tkun timplika li l-investitur ikun se jirċievi inqas valur mill-wegħda tat-titoli oriġinali;
 - (d) l-entità kklassifikata tkun taħt forma sinifikanti ta' superviżjoni regolatorja minħabba l-kundizzjoni finanzjarja tagħha.
5. Ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien għandhom jiġu kkalkulati għal kull ġabra disponibbli ta' punti assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni f'perjodi ta' kull sitt xhur ibbażati fuq l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Lulju ta' kull sena.

Artikolu 5

Ir-rati ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien ta' kategorija tal-klassifikazzjoni fejn ikun disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu

1. Fejn ikun disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu skont l-Artikolu 3, ir-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi kkalkulata bil-mod deskritt fil-paragrafi 2 sa 4.
 2. Ir-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien għandha tiġi kkalkulata bħala l-medja ponderata ta' mill-inqas l-aħħar 20 rata ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien ikkalkulata skont l-Artikolu 4(1). Jekk ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien disponibbli jkunu jkopru perjodu itwal u jkunu rilevanti, għandhom jintużaw ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien għal dak il-perjodu itwal. Fejn ikunu disponibbli anqas minn 20 rata ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien ikkalkulati skont l-Artikolu 4(1), ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien li jkun fadal għandhom jiġu stmati li jkopru l-20 rata ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien.
 3. Għall-fini tal-produzzjoni tal-medja ponderata msemmija fil-paragrafu 2, ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien, ikkalkulati skont l-Artikolu 4 għandhom jinkludu l-aktar perjodu riċenti ta' reċessjoni. Dan il-perjodu ta' reċessjoni għandu jkun ikopri sitt xhur jew aktar ta' rata ta' tkabbir negattivi tal-prodott domestiku gross fiż-żoni ġeografiċi ta' referenza ewlenin tal-elementi klassifikati.
 4. Għall-finijiet tal-produzzjoni tal-medja ponderata msemmija fil-paragrafu 2, għandu japplika dan li ġej:
 - (a) ir-rati ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien ikkalkulati skont l-Artikolu 4(1) għandhom ikunu ponderati skont in-numru ta' elementi speċifikati fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2);
 - (b) ir-rati ta' inadempjenza stmati fuq medda qasira ta' żmien għandhom ikunu ponderati skont l-istimi tan-numru ta' elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni preżenti fil-bidu tal-orizzont ta' żmien.
- Il-piżijiet għandhom jiżguraw rappreżentanza adegwata ta' snin ta' reċessjoni u ta' snin mhux ta' reċessjoni f'ċiklu ekonomiku sħiħ.

Taqsimat 2

Ikkalkular tal-fatturi kwantitattivi ta' kategorija tal-klassifikazzjoni fejn ma jkunx disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Artikolu 6

L-elementi użati u r-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien ta' kategorija tal-klassifikazzjoni fejn ma jkunx disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Fejn ma jkunx disponibbli numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 3, l-ikkalkular tar-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien speċifikata fl-Artikolu 1 għandu jitwettaq skont dawn li ġejjin:

- (a) huwa għandu jkun ibbażat fuq l-istima pprovduta mill-ECAI tar-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien assoċjata mal-elementi kollha assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni, skont il-punt (a) tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (b) l-istima msemmija fil-punt (a) għandha tkun ikkumplementata bin-numru ta' elementi inadempjenti u mhux inadempjenti assenjati għall-kategorija tal-klassifikazzjoni mill-ECAI li għaliha jkun qed isir l-immappjar.

KAPITOLU 2

Fatturi Kwalitattivi

Artikolu 7

Fatturi kwalitattivi tal-immappjar ta' kategorija tal-klassifikazzjoni

Il-fatturi kwalitattivi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu:

- (a) id-definizzjoni ta' inadempjenza kkunsidrata mill-ECAI, kif deskritta fl-Artikolu 8;
- (b) l-orizzont ta' żmien ta' kategorija tal-klassifikazzjoni kkunsidrat mill-ECAI, kif deskritt fl-Artikolu 9;
- (c) it-tifsira ta' kategorija tal-klassifikazzjoni u l-pożizzjoni relattiva tagħha fl-iskala ta' klassifikazzjoni stabbilita mill-ECAI, kif deskritta fl-Artikolu 10;
- (d) l-affidabbiltà kreditizja tal-elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni, kif deskritta fl-Artikolu 11;
- (e) l-istima pprovduta mill-ECAI tar-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien assoċjata mal-elementi kollha assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni, skont il-punt (a) tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif deskritta fl-Artikolu 12;
- (f) ir-relazzjoni stabbilita mill-ECAI ("immappjar intern"), fejn disponibbli, bejn, fuq naħa, il-kategorija tal-klassifikazzjoni li qed tiġi mmappjata, u, fuq in-naħa l-oħra, kategoriji ta' klassifikazzjoni oħra magħmula mill-istess ECAI, fejn immappjar għal dawn l-aħħar kategoriji diġà ġie stabbilit skont dan ir-Regolament, kif deskritta fl-Artikolu 13;
- (g) kull informazzjoni rilevanti oħra li tista' tiddekrivi l-grad ta' riskju espress minn kategorija tal-klassifikazzjoni.

Artikolu 8

Definizzjoni ta' inadempjenza użata mill-ECAI

It-tip ta' avvenimenti meqjusa mill-ECAI sabiex tistabbilixxi jekk element ikunx f'sitwazzjoni ta' inadempjenza għandu jitqabbel ma' dawk speċifikati fl-Artikolu 4(4) bl-użu tal-informazzjoni kollha disponibbli. Fejn il-paragun ikun jindika li l-ECAI ma tkunx qieset dawn it-tipi kollha ta' avvenimenti ta' inadempjenza, il-fatturi kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu aġġustati skont dan.

*Artikolu 9***L-orizzont ta' żmien ta' kategorija tal-klassifikazzjoni**

L-orizzont ta' żmien meqjus mill-ECAI għall-assenjazzjoni ta' kategorija tal-klassifikazzjoni għandu jipprovdi indikazzjoni rilevanti ta' jekk il-livell tar-riskju ta' dik il-kategorija tal-klassifikazzjoni jkunx sostenibbli fuq l-orizzont ta' żmien speċifikat fl-Artikolu 4(2).

*Artikolu 10***Tifsira u pożizzjoni relattiva ta' kategorija tal-klassifikazzjoni**

1. It-tifsira tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni stabbiliti mill-ECAI għandha tkun stabbilita skont il-karatteristiċi tal-kapaċità tal-impenji finanzjarji kif riflessi f'li l-elementi li jiġu assenjati għal din il-kategorija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jiġu onorati, u b'mod partikolari l-grad ta' sensitività tagħha għall-ambjent ekonomiku u l-grad ta' prossimità tagħha għas-sitwazzjoni ta' inadempjenza.
2. It-tifsira ta' kategorija tal-klassifikazzjoni għandha titqabbel ma' dik stabbilita għal kull skaluna tal-kwalità kreditizja, kif deskritt fl-Artikolu 15.
3. It-tifsira ta' kategorija tal-klassifikazzjoni għandha titqies flimkien mal-pożizzjoni relattiva tagħha fl-iskala ta' klassifikazzjoni stabbilita mill-ECAI.

*Artikolu 11***L-affidabbiltà kreditizja tal-elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni**

1. L-affidabbiltà kreditizja ta' elementi assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni għandha tiġi determinata billi jitqiesu mill-anqas id-daqs tagħhom u l-grad ta' diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-attività tan-negozju tagħhom.
2. Miżuri differenti ta' affidabbiltà kreditizja assenjati għal elementi tal-istess kategorija tal-klassifikazzjoni jistgħu jintużaw, sa fejn ikun xieraq, biex jikkumplimentaw l-informazzjoni pprovduta mill-fatturi kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 1 fejn dawn ikunu ta' min jorbot fuqhom u rilevanti għall-immappjar.

*Artikolu 12***Stima mogħtija mill-ECAI tar-rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien assoċjata mal-elementi kollha assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni**

L-istima pprovduta mill-ECAI tar-rata tal-inadempjenza fuq medda twila ta' żmien assoċjata mal-elementi kollha assenjati għall-istess kategorija tal-klassifikazzjoni għandha titqies għall-finijiet tal-immappjar sakemm tkun ġiet iġġustifikata b'mod adegwat.

*Artikolu 13***Immappjar intern ta' kategorija tal-klassifikazzjoni stabbilita mill-ECAI**

L-iskaluna korrispondenti ta' kwalità kreditizja ta' kategoriji tal-klassifikazzjoni oħra magħmula mill-istess ECAI li għalihom ikun jeżisti mmappjar intern skont il-punt (f) tal-Artikolu 7 għandha tintuża bħala indikazzjoni rilevanti tal-livell ta' riskju tal-kategorija tal-klassifikazzjoni li tkun qed tiġi mmappjata.

KAPITOLU 3

Tqabbil u referenzi relatati

Artikolu 14

Punt ta' riferiment

Il-punt ta' riferiment imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu jkun distint f'dawn li ġejjin:

- (a) rata ta' inadempjenza fuq medda twila ta' żmien ta' referenza għal kull skaluna tal-kwalità kreditizja kif stipulata fit-Tabella 1 tal-Anness I;
- (b) punt ta' riferiment tar-rata ta' inadempjenza fuq medda qasira ta' żmien għal kull skaluna tal-kwalità kreditizja kif stipulata fit-Tabella 2 tal-Anness I.

Artikolu 15

Tifsira ta' referenza tal-kategorija tal-klassifikazzjoni għal kull skaluna tal-kwalità kreditizja

It-tifsira ta' referenza tal-kategorija tal-klassifikazzjoni li tikkorrispondi ma' kull skaluna tal-kwalità kreditizja hija stabbilita fl-Anness II.

TITOLU II

TABELLI TAL-IMMAPPJAR

Artikolu 16

Tabelli tal-immappjar

Il-korrispondenza tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni ta' kull ECAI mal-iskaluni tal-kwalità kreditizja stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hija dik stabbilita fl-Anness III.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONI FINALI

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Parametri referenzjarji għall-finijiet tal-Artikolu 14

Tabella 1

**Parametru referenzjarju fit-tul
(perjodu ta' tliet snin)**

Skala tal-Kwalità Kreditizja	Parametru referenzjarju fit-tul		
	Valur medju	Livell inferjuri	Livell superjuri
1	0,10 %	0,00 %	0,16 %
2	0,25 %	0,17 %	0,54 %
3	1,00 %	0,55 %	2,39 %
4	7,50 %	2,40 %	10,99 %
5	20,00 %	11,00 %	26,49 %
6	34,00 %	26,50 %	100,00 %

Tabella 2

**Parametri referenzjarji fit-tul
(perjodu ta' tliet snin)**

Skala tal-Kwalità Kreditizja	Parametri referenzjarji fil-qosor	
	Livell ta' monitoraġġ	Livell tal-iskattar
1	0,80 %	1,20 %
2	1,00 %	1,30 %
3	2,40 %	3,00 %
4	11,00 %	12,40 %
5	28,60 %	35,00 %
6	mhux applikabbli	mhux applikabbli

ANNEX II

It-tifsira ta' referenza tal-kategorija ta' klassifikazzjoni għal kull skala tal-kwalità kreditizja għall-iskopijiet tal-Artikolu 15

Skala tal-Kwalità Kreditizja	Tifsira tal-kategorija tal-klassifikazzjoni
1	L-entità kklassifikata għandha kapaċità estremenant qawwija/qawwija ħafna biex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha u hija suġġetta għal riskju ta' kreditu minimu/baxx ħafna.
2	L-entità kklassifikata għandha kapaċità qawwija biex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha u hija suġġetta għal riskju ta' kreditu baxx iżda hija kemxejn aktar suxxettibli għall-effetti kuntrarji ta' bidliet f'ċirkostanzi u kundizzjonijiet ekonomiċi milli huma l-entitajiet ikklassifikati fis-CQS 1.
3	L-entità kklassifikata għandha kapaċità adegwata biex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha u hija suġġetta għal riskju ta' kreditu moderat. Madankollu, kundizzjonijiet ekonomiċi kuntrarji jew tibdil fiċ-ċirkostanzi huma aktarx li aktar iwasslu għal kapaċità mdgħajfa tal-entità kklassifikata sabiex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha.
4	L-entità kklassifikata għandha l-kapaċità biex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha iżda hija suġġetta għal riskju ta' kreditu sostanzjali. Hija tiffaċċja inċertezzi maġġuri kurrenti u espożizzjoni għal kundizzjonijiet kuntrarji ta' negozju, finanzi, jew kundizzjonijiet ekonomiċi, li jstgħu jwasslu għal kapaċità inadegwata tal-entità kklassifikata sabiex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha.
5	L-entità kklassifikata għandha l-kapaċità biex tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha iżda hija suġġetta għal riskju ta' kreditu għoli. Kundizzjonijiet kuntrarji kummerċjali, finanzjarji jew ekonomiċi x'aktarx li jxekklu l-kapaċità jew ir-rieda tal-entità kklassifikata biex tissoddisfa l-impenji finanzjarji tagħha.
6	L-entità kklassifikata hija preżentament vulnerabbli jew vulnerabbli ħafna u hija suġġetta għal riskju ta' kreditu għoli ħafna, inkluż fi jew qrib ħafna ta' inadempjenza. Hija dipendenti fuq kundizzjonijiet favorevoli kummerċjali, finanzjarji u ekonomiċi biex tkun tista' tissoddisfa l-impenji finanzjarji tagħha.

ANNEX III

Tabelli tal-immappjar għall-finijiet tal-Artikolu 16

Skala tal-kwalità tal-kreditu	1	2	3	4	5	6
<i>AM Best Europe-Rating Services Ltd.</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq l-emittenti fuq terminu twil	aaa, aa+, aa, aa-	a+, a, a-	bbb+, bbb, bbb-	bb+, bb, bb-	b+, b, b-	ccc+, ccc, ccc-, cc, c, rs
Skala ta' klassifikazzjoni ta' dejn fuq terminu twil	aaa, aa+, aa, aa-	a+, a, a-	bbb+, bbb, bbb-	bb+, bb, bb-	b+, b, b-	ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d
Skala ta' klassifikazzjoni tas-saħħa finanzjarja	A++, A+	A, A-	B++, B+	B, B-	C++, C+	C, C-, D, E, F, S
Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu qasir	AMB-1+	AMB-1-	AMB-2, AMB-3	AMB- 4		
<i>ARC Ratings S.A.</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni dwar emittenti fuq terminu medju u terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala ta' klassifikazzjoni dwar ħruġ fuq terminu medju u terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala ta' klassifikazzjoni fuq emittenti fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala ta' klassifikazzjonijiet fuq ħruġ fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>ASSEKURATA Assekuranz Rating-Agentur GmbH</i>						
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC/C, D
Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu qasir	A++	A		B, C, D		
<i>Axesor SA</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni globali	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D, E
<i>BCRA — Credit Rating Agency AD</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	C, D
Skala ta' klassifikazzjoni għall-assigurazzjoni fuq terminu twil	iAAA, iAA	iA	iBBB	iBB	iB	iĊ, iD
Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala ta' klassifikazzjoni tal-municipalitá fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D

Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala ta' klassifikazzjoni tal-banek fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala ta' klassifikazzjoni tal-muniċipalità fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>Banque de France</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu globali fuq l-emittenti fuq terminu twil	3++	3+, 3	4+	4, 5+	5, 6	7, 8, 9, P
<i>Capital Intelligence Ltd</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali dwar emittenti fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	C, RS, SD, D
Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali dwar ħruġ fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali dwar emittenti fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali dwar ħruġ fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>Cerved Rating Agency S.p.A.</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu twil	A1.1, A1.2, A1.3	A2.1, A2.2, A3.1	B1.1, B1.2	B2.1, B2.2	C1.1	C1.2, C2.1
<i>Creditreform Ratings AG</i>						
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	C, D
<i>CRIF S.p.A.</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, D1, D2
<i>Dagong Europe Credit Rating</i>						
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir	A-1		A-2, A-3	B, C, D		

<i>DBRS Ratings Limited</i>						
Skala tal-klassifikazzjoni tal-obbligi fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Karta kummerċjali u skala ta' klassifikazzjoni ta' dejn fuq terminu qasir	R-1 H, R-1 M	R-1 L	R-2, R-3	R-4, R-5, D		
Skala ta' klassifikazzjoni tal-abilità ta' pagament ta' talbiet	IC-1	IC-2	IC-3	IC-4	IC-5	D
<i>European Rating Agency, a.s.</i>						
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu twil		AAA, AA	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala ta' klassifikazzjonijiet fuq terminu qasir		S1	S2	S3, S4, NS		
<i>EuroRating Sp. z o.o.</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
<i>Euler Hermes Rating GmbH</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, SD, D
<i>FERI EuroRating Services AG</i>						
Skala tal-klassifikazzjoni EuroRating FERI	AAA, AA	A		BBB, BB	B	CCC, CC, D
<i>Il-klassifikazzjonijiet ta' Fitch</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq l-emittenti fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, RD, D
Obbligi tal-finanzi korporattivi — Skala ta' klassifikazzjoni ta' terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C
Skala ta' klassifikazzjoni IFS internazzjonali fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C
Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu qasir	F1+	F1	F2, F3	B, C, RD, D		
Skala ta' klassifikazzjoni IFS fuq terminu qasir	F1+	F1	F2, F3	B, C		
<i>GBB-Rating Gesellschaft für Bonitätsbeurteilung GmbH</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil	AAA, AA		BBB	BB	B	CCC, CC, C, D

<i>ICAP Group S.A</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil		AA, A	BB, B	C, D	E, F	G, H
<i>Japan Credit Rating Agency Ltd</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, LD, D
Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala ta' klassifikazzjoni dwar l-emittent fuq terminu qasir	J-1+	J-1	J-2	J-3, NJ, LD, D		
Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq ħruġ fuq terminu qasir	J-1+	J-1	J-2	J-3, NJ, D		
<i>Kroll Bond Rating Agency</i>						
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir	K1+	K1	K2, K3	B, C, D		
<i>Moody's Investors Service</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil	Aaa, Aa	A	Baa	Ba	B	Caa, Ca, C
Skala ta' klassifikazzjoni ta' fondi ta' bonds	Aaa-bf, Aa-bf	A-bf	Baa-bf	Ba-bf	B-bf	Caa-bf, Ca-bf, C-bf
Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu qasir	P-1	P-2	P-3	NP		
<i>Standard & Poor's Ratings Services</i>						
Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq l-emittenti fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, R, SD/D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq ħruġ fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tas-saħħa finanzjarja tal-assigurator	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, SD/D, R
Skala tal-klassifikazzjoni ta' kwalità ta' kreditu tal-fond	AAAf, AAf	Af	BBBf	BBf	Bf	CCCf
Skala ta' klassifikazzjoni tal-Evalwazzjoni tas-Suq ta' Nofs it-Terminu		MM1	MM2	MM3, MM4	MM5, MM6	MM7, MM8, MMD

Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq l-emittent fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, R, SD/D
---	------	-----	----------	---------------

Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq ħruġ fuq terminu qasir	A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D
---	------	-----	----------	---------

Scope Ratings AG

Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
---	---------	---	-----	----	---	---------------

Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu qasir	S-1+	S-1	S-2	S-3, S-4
--	------	-----	-----	----------

Spread Research

Skala ta' klassifikazzjoni dwar ħruġ internazzjonali fuq terminu twil	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
---	---------	---	-----	----	---	---------------

The Economist Intelligence Unit Ltd

Skala ta' klassifikazzjoni sovrana	AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
------------------------------------	---------	---	-----	----	---	---------------